Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10222 - CDPQ/Telefónica/FiBrasil JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 117/07)

1. Fis-26 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada);

— Telefónica, S.A. ("Telefonica", Spanja), kif ukoll

— FiBrasil Infraestrutura e Fibra Ótica SA ("FiBrasil", il-Brażil).

CDPQ u Telefónica jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab ġdida (joint venture, JV), FiBrasil.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDPQ: investituri istituzzjonali fit-tul li jiġġestixxu fondi primarjament għal pjanijiet pubbliċi u parapubliċi tal-pensjonijiet u tal-assikurazzjoni. Hija tinvesti dawn il-fondi globalment fis-swieq finanzjarji ewlenin, l-ekwità privata, l-infrastruttura u l-proprjetà immobbli;

— Telefónica: kumpanija prinċipali tal-grupp Telefónica, li huwa grupp internazzjonali attiv fis-settur tat-telekomunikazzjoni, li joffri soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni, informazzjoni u divertiment, bi preżenza f'diversi Stati Membri tal-UE (Spanja u l-Ġermanja), ir-Renju Unit, u diversi pajjiżi tal-Amerka Latina; kif ukoll

— FiBrasil: impriża bi sħab iddedikata għall-kostruzzjoni, l-iżvilupp u t-tħaddim ta' network ta' bejgħ bl-ingrossa ta' fibra ottika newtrali u indipendenti fil-Brażil. FiBrasil hija lesta li tuża u tħaddem netwerks tal-fibra ottika fi bliet ta' daqs medju magħżula madwar il-Brażil, u li toffri aċċess bl-ingrossa tal-fibra għad-dar lill-fornituri kollha tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10222 — CDPQ/Telefónica/FiBrasil JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË